MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1953/2002

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***vs***

***Ronnie Scerri***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46c) rappresentanti in kwantu ghal Lm44.75 *Royalty* u Lm6.71 Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess *Royalty* dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja nru. 8653 (Dokument A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment *"Scerri's Coffee Bar",* Qawra ghall-perijodu mis-6 ta' Frar 2002 sal-5 ta' Frar 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-30 ta’ April 2002 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-Prokuratur Legali Josette Attard, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-30 ta’ April 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**